IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 25.5.2020
COM(2020) 206 final

2020/0086 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 fir-rigward tar-riżorsi għall-allokazzjoni speċifika għall-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

L-għan tal-proposta huwa li jiġi adattat l-ammont ta' riżorsi disponibbli għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali stipulati fl-Artikolu 91(1) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013[1], u l-ammont ta' riżorsi għall-allokazzjoni speċifika għall-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ ("YEI") stipulata fl-Artikolu 92(5) ta' dak ir-Regolament u d-diżaggregazzjoni annwali tal-approprjazzjonijiet ta' impenn riflessi fl-Anness VI ta' dak ir-Regolament biex jirriflettu ż-żieda tar-riżorsi tal-allokazzjoni speċifika għall-YEI. B'mod aktar speċifiku, f'konformità mal-baġit adottat għall-2020, l-approprjazzjonijiet ta' impenn għall-allokazzjoni speċifika għall-YEI għall-2020 jenħtieġ li jiżdiedu bl-ammont ta' EUR 28 333 334 fi prezzijiet kurrenti, li jtella' l-ammont totali għall-2020 għal EUR 145 miljun.

Barra minn hekk, il-proposta tiċċara li d-dispożizzjonijiet rilevanti li ġew introdotti sabiex jiffaċilitaw il-programmazzjoni ta' riżorsi addizzjonali tal-YEI fl-2019, se japplikaw ukoll għar-riżorsi addizzjonali tal-YEI fl-2020.

• Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika

Din il-proposta hija r-riżultat tal-baġit tal-Unjoni tal-2020.

• Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni

Il-proposta hija konsistenti ma' proposti u inizjattivi oħra adottati mill-Kummissjoni Ewropea.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi ġuridika

Ir-rieżami jirrifletti ż-żieda tar-riżorsi għall-allokazzjoni speċifika għall-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ (YEI) fil-baġit tal-UE tal-2020.

• Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)

Il-proposta hija konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

• Proporzjonalità

Il-proposta hija proporzjonata. Tinkludi l-aġġustamenti tekniċi meħtieġa wara l-adozzjoni tal-baġit tal-2020 li jżid ir-riżorsi tal-allokazzjoni speċifika tal-YEI.

• Għażla tal-istrument

L-istrument propost: emenda tar-regolament attwali.

---

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347 20.12.2013, p. 320), kif emendat l-aħħar bir-Regolament (UE) 2019/711 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 fir-rigward tar-riżorsi għall-allokazzjoni speċifika għall-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ (ĠU L 123, 10.5.2019, p. 1).

Il-Kummissjoni esplorat il-lok għall-flessibbiltà previst mill-qafas legali u tqis li huwa neċessarju li tipproponi emendi għar-Regolament (UE) Nru 1303/2013.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Minħabba ċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' din il-proposta, ma kien hemm l-ebda valutazzjoni *ex post*/jew kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Minħabba ċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' din il-proposta, ma kien hemm l-ebda konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati esterni.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

L-użu ta' għarfien espert estern ma kienx meħtieġ.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Mhux applikabbli.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Din mhijiex inizjattiva fi ħdan il-Programm dwar l-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni (REFIT).

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta ma għandhiex konsegwenzi għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

L-approprjazzjonijiet ta' impenn għall-2020 tal-allokazzjoni speċifika għall-YEI jenħtieġ li jiżdiedu b'EUR 28 333 334 għal EUR 145 miljun fi prezzijiet kurrenti.

L-emenda proposta hija stmata li tirriżulta f'pagamenti addizzjonali ta' EUR 3 miljun fl-2020.

5. ELEMENTI OĦRAJN

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Mhux applikabbli.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Mhux applikabbli.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-għan tal-proposta huwa li jiġu adattati l-ammonti tar-riżorsi disponibbli għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u għall-allokazzjoni speċifika għall-YEI stabbiliti fl-Artikolu 91(1) u fl-Artikolu 92(5) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 u d-diżaggregazzjoni annwali tal-approprjazzjonijiet ta' impenn riflessi fl-Anness VI sabiex ikunu jirriflettu r-riżorsi

addizzjonali għall-allokazzjoni speċifika għall-YEI. Għaldaqstant, f'konformità mal-baġit adottat għall-2020, jenħtieġ li l-approprjazzjonijiet ta' impenn għall-allokazzjoni speċifika għall-YEI jiżdiedu bl-ammont ta' EUR 28 333 334 fi prezzijiet kurrenti, li jwassal l-ammont totali għall-2020 għal EUR 145 miljun fi prezzijiet kurrenti.

2020/0086 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 fir-rigward tar-riżorsi għall-allokazzjoni speċifika għall-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 177 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[2],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[3],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4] jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet komuni u ġenerali applikabbli għall-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej.

(2) Il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2020[5] emenda l-ammont totali tar-riżorsi għall-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ ("YEI") billi żied l-approprjazzjonijiet ta' impenn għall-allokazzjoni speċifika għall-YEI fl-2020 bl-ammont ta' EUR 28 333 334 fi prezzijiet kurrenti u b'hekk ġab l-ammont totali ta' approprjazzjonijiet ta' impenn tal-allokazzjoni speċifika għall-YEI għall-perjodu ta' programmazzjoni kollu għal EUR 4 556 215 406 fi prezzijiet kurrenti.

(3) Għall-2020, ir-riżorsi addizzjonali ta' EUR 23,7 fi prezzijiet tal-2011 huma ffinanzjati mill-Marġni Globali għall-Impenji fil-marġni tal-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020.

(4) Peress li huwa urġenti li qabel tmiem l-2020 il-programmi li jappoġġaw lill-YEI jiġu emendati biex ikunu jinkludu r-riżorsi addizzjonali għall-allokazzjoni speċifika għall-YEI, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

---

2 ĠU C […], […], p. […].

3 ĠU C […], […], p. […].

4 Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347 20.12.2013, p. 320).

5 ĠU C […], […], p. […].

(5) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 jiġi emendat skont dan.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 91, il-paragrafu 1 hu sostitwit b'dan li ġej:

"1. Ir-riżorsi għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali disponibbli għall-impenn baġitarju għall-perjodu 2014-2020 għandhom ikunu EUR 330 105 627 309 fi prezzijiet tal-2011, f'konformità mad-diżaggregazzjoni annwali stabbilita fl-Anness VI, li minnhom EUR 325 938 694 233 jirrappreżentaw ir-riżorsi globali allokati għall-FEŻR, għall-FSE u għall-Fond ta' Koeżjoni u EUR 4 166 933 076 jirrappreżentaw allokazzjoni speċifika għall-YEI. Għall-finijiet tal-programmazzjoni u tal-inklużjoni sussegwenti fil-baġit tal-Unjoni, l-ammont tar-riżorsi għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali għandu jkun indiċjat għal 2 % kull sena.";

(2) fl-Artikolu 92, il-paragrafu 5 hu sostitwit b'dan li ġej:

"5. Ir-riżorsi għall-YEI għandhom jammontaw għal EUR 4 166 933 076, li minnhom EUR 23,7 miljun jikkostitwixxu r-riżorsi addizzjonali għall-2020. Dawn għandhom jiġu kkomplementati mill-investiment immirat tal-FSE b'konformità mal-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) Nru 1304/2013.

L-Istati Membri li jibbenefikaw mir-riżorsi addizzjonali għall-allokazzjoni speċifika għall-YEI jistgħu jitolbu t-trasferiment sa 50 % tar-riżorsi addizzjonali għall-allokazzjoni speċifika għall-YEI biex jikkostitwixxu l-investiment immirat korrespondenti tal-FSE kif meħtieġ mill-Artikolu 22(1) tar-Regolament (UE) Nru 1304/2013. Tali trasferiment għandu jsir għall-kategoriji rispettivi tar-reġjun li jikkorrispondu għall-kategorizzazzjoni tar-reġjuni eliġibbli għaż-żieda tal-allokazzjoni speċifika għall-YEI. L-Istati Membri għandhom jitolbu t-trasferiment fit-talba għal emenda tal-programm f'konformità mal-Artikolu 30(1) ta' dan ir-Regolament. Ir-riżorsi allokati għal snin li għaddew ma jistgħux jiġu trasferiti.

It-tieni subparagrafu għandu japplika għal kwalunkwe riżorsi addizzjonali għall-allokazzjoni speċifika għall-YEI allokata fl-2019 u l-2020.".

(3) L-Anness VI jiġi sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 fir-rigward tar-riżorsi għall-allokazzjoni speċifika għall-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ

1.2. Qasam/oqsma ta' politika kkonċernat(i) fl-istruttura ABM/ABB[6]

4 Impjiegi, affarijiet soċjali u inklużjoni

04 02 64 – Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ (YEI)

1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva

☐ Il-proposta/l-inizjattiva hija dwar **azzjoni ġdida**

☐ Il-proposta/l-inizjattiva hija dwar **azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja**[7]

☒ Il-proposta/l-inizjattiva hija dwar **l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ Il-proposta/l-inizjattiva hija dwar **azzjoni diretta mill-ġdid lejn azzjoni ġdida**

1.4. Għan(ijiet)

1.4.1. L-għan(ijiet) strateġiku/ċi pluriennali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta/tal-inizjattiva

Mhux applikabbli

1.4.2. Għan(ijiet) speċifiku/ċi u l-attività/ajiet ABM/ABB ikkonċernat(i)

Għan speċifiku Nru

Mhux applikabbli

Attività/attivitajiet ABM/ABB ikkonċernata/i

Mhux applikabbli

1.4.3. Ir-riżultat(i) u l-impatt mistennija

Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.

Mhux applikabbli

1.4.4. Indikaturi tar-riżultati u l-impatt

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

Mhux applikabbli

[6] ABM: ġestjoni bbażata fuq l-attività; ABB: ibbaġitjar ibbażat fuq l-attività.

[7] Kif imsemmi fl-Artikolu 54(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil

Mhux applikabbli

1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-UE

Mhux applikabbli

1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi

Mhux applikabbli

1.5.4. Kompatibbiltà u sinerġija possibbli ma' strumenti xierqa oħra

Mhux applikabbli

1.6. Durata u impatt finanzjarju

☐ Proposta/inizjattiva ta' **durata limitata**

– ☒ Proposta/inizjattiva fis-seħħ mill-01/01/2017 sal-31/12/2023

– ☒ Impatt finanzjarju fl-2017 - 2020

☐ Proposta/inizjattiva ta' **durata mhux limitata**

– Implimentazzjoni b'perjodu ta' tnedija minn SSSS sa SSSS,

– segwita minn operazzjoni fuq skala sħiħa.

1.7. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)[8]

☐ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

– ☐ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

– ☐ mill-aġenziji eżekuttivi

☒ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☐ **Ġestjoni indiretta** billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja:

– ☐ lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom;

– ☐ lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);

– ☐ lill-BEI u lill-Fond Ewropew tal-Investiment;

– ☐ lill-korpi msemmija fl-Artikoli 208 u 209 tar-Regolament Finanzjarju;

– ☐ lill-korpi tal-liġi pubblika;

– ☐ lill-korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ lill-korpi rregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

[8] Dettalji tal-modi ta' ġestjoni u referenzi għar-Regolament Finanzjarju jistgħu jinstabu fuq is-sit BudgWeb: http://www.cc.cec/budg/man/budgmanag/budgmanag_en.html

– ☐ lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta’ azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

– *Jekk jiġi indikat iżjed minn mod ta’ ġestjoni wieħed, jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

Kummenti

Mhux applikabbli

2. MIŻURI TA’ ĠESTJONI

2.1. Regoli ta’ monitoraġġ u ta’ rapportar

Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.

Mhux applikabbli

2.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll

2.2.1. Riskju/i identifikat(i)

Mhux applikabbli

2.2.2. Informazzjoni dwar is-sistema ta’ kontroll intern li ġiet stabbilita

Mhux applikabbli

2.2.3. Stima tal-kostijiet u tal-benefiċċji tal-kontrolli u valutazzjoni tal-livell mistenni ta’ riskju ta’ errur

Mhux applikabbli

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta’ frodi u ta’ irregolaritajiet

Speċifika l-miżuri ta’ prevenzjoni u ta’ protezzjoni eżistenti jew previsti.

Mhux applikabbli

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja tan-nefqa affettwati

- Linji baġitarji eżistenti

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru [Intestatura……...……]	Diff./Mhux diff.[9]	mill-pajjiżi tal-EFTA[10]	minn pajjiżi kandidati[11]	minn pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju
1 Tkabbir Intelliġenti u Inklużiv	04 02 60 – Fond Soċjali Ewropew – Reġjuni anqas żviluppati – Investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi 04 02 61 – Fond Soċjali Ewropew – Reġjuni fi tranżizzjoni – Investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi 04 02 62 – Fond Soċjali Ewropew – Reġjuni aktar żviluppati – Investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi 04 02 64 – Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ (YEI)	Diff.	LE	LE	LE	LE

- Linji baġitarji ġodda mitluba

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru	Diff./Mhux	mill-	mill-pajjiżi	minn	skont it-tifsira tal-

[9] Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.

[10] L-EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

[11] Pajjiżi kandidati u, meta jkun applikabbli, pajjiżi kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

	[Intestatura……]	diff.	pajjiżi tal-EFTA	kandidati	pajjiżi terzi	Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju
	[XX.YY.YY.YY]		IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

Jenħtieġ li l-approprjazzjonijiet ta' impenn għall-allokazzjoni speċifika għall-YEI għall-2020 jiżdiedu b'EUR 28 333 334[12] fi prezzijiet kurrenti. L-emenda proposta hija stmata li tirriżulta f'pagamenti addizzjonali ta' EUR 3 miljun fl-2020.

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

[12] Dawn ir-riżorsi addizzjonali huma ffinanzjati mill-Marġini Globali għall-Impenji (GMC) fil-marġni tal-limitu massimu tal-QFP 2014-2020.

miljuni ta’ EUR fi prezzijiet kurrenti (aġġustati ’l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Numru 1b	Tkabbir Intelliġenti u Inklużiv

DĠ: EMPL, REGIO			2014	2015	2016	2017	2018	2019	2020	**TOTAL**
• Approprjazzjonijiet operazzjonali										
1b: Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta’ Koeżjoni	Impenji 04 02 64 – Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ (YEI)	(1)							28, 333	28, 333

	Pagamenti 04 02 64 – Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ (YEI)	(2)							3,000	3,000
Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għall-programmi speċifiċi[13]										
Mhux applikabbli		(3)								
Approprjazzjonijiet TOTALI għad-DĠ EMPL, REGIO	Impenji	= 1 + 1a + 3							28,333	28,333
	Pagamenti	= 2 + 2a + 3							3,000	3,000

• TOTAL tal-approprjazzjonijiet	Impenji	(4)							28,333	28,333

[13] Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa li jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

operazzjonali	Pagamenti	(5)							3,000	3,000
• TOTAL ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi		(6)							0,000	0,000
Approprjazzjonijiet TOTALI taħt l-INTESTATURA 1b tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	=4+6							28,333	28,333
	Pagamenti	=5+6							3,000	3,000

Jekk il-proposta/l-inizjattiva taffettwa iżjed minn intestatura waħda:

• TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali	Impenji	(4)								
	Pagamenti	(5)								
• TOTAL ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi		(6)								
Approprjazzjonijiet TOTALI taħt l-INTESTATURI 1 sa 4 tal-qafas finanzjarju pluriennali (Ammont ta' referenza)	Impenji	=4+ 6								
	Pagamenti	=5+ 6	0							**0**

Intestatura tal-qafas finanzjarju	**5**	"Nefqa amministrattiva"

pluriennali		

Miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

		Sena **N**	Sena **N+1**	Sena **N+2**	Sena **N+3**	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)			**TOTAL**
DĠ: <…….>									
• Riżorsi umani									
• Nefqa amministrattiva oħra									
TOTAL TAD-DĠ <…….>	Approprjazzjonijiet								

Approprjazzjonijiet TOTALI taħt l-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	(Total ta' impenji = Total ta' pagamenti)								

Miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

		Sena **N**[14]	Sena **N+1**	Sena **N+2**	Sena **N+3**	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)			**TOTAL**
Approprjazzjonijiet TOTALI taħt l-INTESTATURI 1 sa 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji								
	Pagamenti								

[14] Is-Sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva.

3.2.2. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet ta' impenn f'miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Indika l-għanijiet u l-outputs ⇩			Sena **N**		Sena **N+1**		Sena **N+2**		Sena **N+3**		Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)						**TOTAL**	
	OUTPUTS																	
	Tip[15]	Kost medju	Le	Kost	Le	Kost	Le	Kost	Le	Kost	Le	Kost	Le	Kost	Le	Kost	Nru totali	Kost totali
GĦAN SPEĊIFIKU Nru 1[16]…																		
- Output																		
- Output																		
- Output																		
Subtotal tal-għan speċifiku Nru 1																		
GĦAN SPEĊIFIKU Nru 2																		
- Output																		
Subtotal tal-għan speċifiku Nru 2																		
KOST TOTALI																		

15 L-outputs huma l-prodotti u s-servizzi li jridu jiġu pprovduti (pereż.: l-għadd ta' skambji ta' studenti ffinanzjati, l-għadd ta' km ta' toroq mibnija, eċċ.).

16 Kif deskritt fil-punt 1.4.2. "Għan(ijiet) speċifiku/speċifiċi…"

3.2.3. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

3.2.3.1. Sommarju

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

Miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

	Sena **N**[17]	Sena **N+1**	Sena **N+2**	Sena **N+3**	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)	**TOTAL**
INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali						
Riżorsi umani						
Nefqa amministrattiva oħra						
Subtotal tal-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali						

Barra mill-INTESTATURA 5[18] **of the multiannual financial framework**								
Riżorsi umani								
Nefqa oħra ta' natura amministrattiva								
Subtotal barra mill-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali								

TOTAL								

L-approprjazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal nefqa oħra ta' natura amministrattiva se jiġu koperti mill-approprjazzjonijiet tad-DĠ li diġà jkunu assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkunu ġew riassenjati fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

17 Is-Sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva.

18 Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa li jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

3.2.3.2. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani.

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

L-istima trid tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għall-full-time

		Sena **N**	Sena **N+1**	Sena **N+2**	Sena **N+3**	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)		
• **Pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u aġenti temporanji)**								
XX 01 01 01 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni)								
XX 01 01 02 (Delegazzjonijiet)								
XX 01 05 01 (Riċerka indiretta)								
10 01 05 01 (Riċerka diretta)								
• **Persunal estern (f'unità Ekwivalenti għall-Full-Time: FTE)**[19]								
XX 01 02 01 (AC, END, INT mill-"pakkett globali")								
XX 01 02 02 (AC, AL, END, INT u JED fid-delegazzjonijiet)								
XX 01 04 **yy** [20]	- fil-Kwartieri Ġenerali							
	- fid-Delegazzjonijiet							
XX 01 05 02 (AC, END, INT - Riċerka indiretta)								
10 01 05 02 (AC, END, INT - Riċerka diretta)								
Linji baġitarji oħrajn (speċifika)								
TOTAL								

XX huwa l-qasam ta' politika jew it-titolu baġitarju kkonċernat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu koperti mill-persunal tad-DĠ li diġà jkun assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkun ġie riassenjat fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

Uffiċjali u aġenti temporanji	
Persunal estern	

19 AC = Persunal Kuntrattwali; AL = Persunal Lokali; ENS = Espert Nazzjonali Sekondat; INT = Persunal tal-aġenzija; JED = Esperti Subalterni fid-Delegazzjonijiet.

20 Sottolimitu għall-persunal estern kopert minn approprjazzjonijiet operazzjonali (li qabel kienu l-linji "BA").

3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali.

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva se tkun tinvolvi riprogrammazzjoni tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju pluriennali.

Spjega liema riprogrammazzjoni hija meħtieġa, filwaqt li tispeċifika l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti.

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-applikazzjoni tal-istrument ta' flessibbiltà jew ir-reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali.

Spjega x'inhu meħtieġ, filwaqt li tispeċifika l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti.

3.2.5. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi

– Il-proposta/l-inizjattiva ma tipprevedix kofinanzjament minn partijiet terzi.

– Il-proposta/l-inizjattiva tipprevedi l-kofinanzjament stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f'miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

	Sena **N**	Sena **N+1**	Sena **N+2**	Sena **N+3**	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)			Total
Speċifika l-korp ta' kofinanzjament								
TOTAL tal-approprjazzjonijiet kofinanzjati								

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

☐ fuq ir-riżorsi proprji

☐ fuq id-dħul mixxellanju

Miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Linja baġitarja tad-dħul:	Approprjazzjonijiet disponibbli għas-sena finanzjarja attwali	Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva[21]						
		Sena **N**	Sena **N+1**	Sena **N+2**	Sena **N+3**	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)		
Artikolu …….								

Għad-dħul "assenjat" mixxellanju, speċifika l-linja baġitarja tan-nefqa affettwata.

Speċifika l-metodu biex jiġi kkalkolat l-impatt fuq id-dħul.

[21] Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 25 % tal-kostijiet tal-ġbir.